

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12658/25

ENV 817
MI 637
DELECT 127

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5961 final
Suġġett:	DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.9.2025 li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, fl-aluminju u fir-ram

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5961 final.

Mehmuż: C(2025) 5961 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2025
C(2025) 5961 final

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2025

li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, fl-aluminju u fir-ram

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Din id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ("id-Direttiva RoHS")¹ fir-rigward ta' eżenzjonijiet għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, fl-aluminju u fir-ram.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva RoHS jirrestrinġi l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE, Electrical and Electronic Equipment). Bħalissa, hemm 10 sustanzi ristretti u elenkati fl-Anness II tad-Direttiva: iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju, il-kromju eżavalenti, il-bifenili polibrominati (PBBs, Polybrominated Biphenyls), l-eteri tad-difenil polibrominat (PBDEs, Polybrominated Diphenyl Ethers), il-ftalat tal-bis(2-etileżil) (DEHP, Bis(2-ethylhexyl) Phthalate), il-butilbenżilftalat (BBP, Butyl Benzyl Phthalate), id-dibutilftalat (DBP, Dibutyl Phthalate) u d-diisobutilftalat (DIBP, Diisobutyl Phthalate).

L-Annessi III u IV tad-Direttiva RoHS jelenkaw il-materjali u l-komponenti tal-EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi eżentati mir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva. L-Artikolu 5 jippermetti l-adattament tal-Annessi III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku (dwar l-għoti, it-tiġdid u r-revoka tal-eżenzjonijiet). Skont l-Artikolu 5(1)(a), l-eżenzjonijiet iridu jiġu inklużi fl-Annessi III u IV biss jekk din l-inklużjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("ir-Regolament REACH")² u jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mit-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

- jekk it-tneħħija jew is-sostituzzjoni permezz ta' bidliet fid-disinn jew permezz ta' materjali u komponenti li ma jkunx jirrikjedu l-ebda materjal jew sustanza minn daww elenkati fl-Anness II ma tkunx prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku;
- jekk ma tiġix żgurata l-affidabbiltà tas-sostituti;
- jekk it-total tal-impatti negattivi fuq l-ambjent, fuq is-saħħa u fuq is-sikurezza tal-konsumatur li tikkawża s-sostituzzjoni, x'aktarx ikun jissupera t-total tal-benefiċċji għall-ambjent, għas-saħħa u għas-sikurezza tal-konsumatur.

Id-deċizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet, u d-durata tagħhom, iridu jqisu d-disponibbiltà tas-sostituti u l-impatt soċjoekonomiku tas-sostituzzjoni. Id-deċizzjonijiet dwar id-durata tal-eżenzjonijiet iridu jqisu kwalunkwe impatt potenzjali fuq l-innovazzjoni. Meta jkun qegħdin jiġu kkunsidrati l-impatti ġenerali tal-eżenzjoni jrid jiġi applikat il-kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja, meta jkun rilevanti.

L-EEE soġġett għad-Direttiva RoHS huwa kklassifikat f'konformità mal-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

¹ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/65/oj>.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva RoHS jippermetti lill-Kummissjoni tinkludi materjali u komponenti tal-EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi fil-listi tal-Annessi III u IV permezz ta' atti delegati individwali skont l-Artikolu 20. L-Artikolu 5(3) u l-Anness V jistabbilixxu l-proċedura għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal eżenzjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni tirċievi talbiet mingħand in-negozji biex tagħti jew iġġedded l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva RoHS³.

L-Anness III tad-Direttiva jelenka tliet punti ewlenin għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, il-punt 6(a), l-aluminju, il-punt 6(b) u r-ram, il-punt 6(c), li inizjalment kienu koperti minn punt wieħed. Abbażi tar-riżultati tal-aħħar rieżamijiet, daww il-punti ġew estiżi biex jadattaw l-entrati għall-progress tekniku u xjentifiku u biex joħlqu subentrati speċifiċi addizzjonali.

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar

L-eżenzjoni fil-punt 6(a)-I għet inkluża fl-Anness III tad-Direttiva RoHS permezz tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/739⁴. Il-kategoriji 1 sa 7 u 10 li kellhom jiġu riveduti ġew ittrasferiti għal dak il-punt il-ġdid. Id-data ta' skadenza tal-eżenzjoni fil-punt 6(a)-I hija l-21 ta' Lulju 2021. L-eżenzjoni fil-punt 6(a)-I tikkonċerna l-użu taċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar **għal skopijiet ta' mmaxinjar u fl-azzar galvanizzat**. Meta mqabbla mal-eżenzjoni preċedenti fil-punt 6(a), li baqgħet valida wkoll għal ċertu EEE, il-konċentrazzjoni tal-livell limitu inferjuri taċ-ċomb fl-azzar galvanizzat tnaqqset għal 0,2 % ċomb skont il-piż.

B'mod speċifiku, id-data ta' skadenza tal-punt 6(a) hija l-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8 apparat mediku dijanjostiku *in vitro* (IVD, In-vitro Diagnostic), il-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali (IMCI, Industrial Monitoring and Control Instruments) kif ukoll għall-kategorija 11 "EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq" (EEE ieħor).

Fis-17 ta' Jannar 2020 u fl-20 ta' Jannar 2020, fil-perjodu ta' żmien għat-tiġdid stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva RoHS, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet biex iġġedded l-eżenzjoni fil-punti 6(a) u 6(a)-I. Fl-20 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet biex tiġġedded l-eżenzjoni fil-punt 6(a) dwar il-kategorija 9 IMCI u 11 EEE ieħor.

Skont l-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2011/65/UE, l-eżenzjonijiet eżistenti jibqgħu validi sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid mill-Kummissjoni.

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju

L-eżenzjoni fil-punti 6(b)-I u 6(b)-II għet inkluża fl-Anness III tad-Direttiva RoHS permezz tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/740⁵. L-eżenzjoni preċedenti fil-punt 6(b)

³ Il-lista hija disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/environment/waste/rohs_eee/adaptation_en.htm.

⁴ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/739 tal-1 ta' Marzu 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/739/oj).

⁵ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/740 tal-1 ta' Marzu 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 106, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/740/oj).

tikkonċerna l-użu taċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju li jkun fih sa 0,4 % ċomb skont il-piż u, simili għall-eżenzjoni fil-punt 6(a), għadha rilevanti għal kategoriji ta' EEE speċifiċi. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-kategoriji tal-EEE ġew ittrasferiti għas-sottoeżenzjonijiet suċċessur fil-punti 6(b)-I u 6(b)-II. Dawk iż-żewġ eżenzjonijiet jispeċifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni preċedenti fil-punt 6(b) f'żewġ applikazzjonijiet: l-eżenzjoni fil-punt 6(b)-I tkopri **l-aluminju biċ-ċomb, sakemm dan ikun ġej mir-riċiklaġġ tar-ruttam tal-aluminju li jkun fih ċ-ċomb**, u l-eżenzjoni fil-punt 6(b)-II tkopri **l-aluminju biċ-ċomb għal skopijiet ta' mmaxinjar**.

Id-data ta' skadenza tal-punt 6(b) hija l-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 8 u 9, għajr għall-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* u l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali. Dawk is-sottogruppi tal-aħħar għandhom data ta' skadenza fil-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8 apparat mediku dijanjostiku *in vitro* (IVD) u tal-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali (IMCI, Industrial Monitoring and Control Instruments). Il-kategorija 11 "EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq" (EEE ieħor) tiskadi wkoll fil-21 ta' Lulju 2024.

Id-data ta' skadenza tal-eżenzjoni fil-punt 6(b)-I hija l-21 ta' Lulju 2021 u dik tal-punt 6(b)-II hija t-18 ta' Mejju 2021, applikabbli għall-kategoriji 1 sa 7 u 10.

Fit-2 ta' Diċembru 2019 u fis-17 ta' Jannar 2020, fil-perjodu ta' żmien għat-tiġdid stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva RoHS, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet biex iġġedded l-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien ta' dawn l-eżenzjonijiet. Fl-20 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet biex iġġedded l-eżenzjoni fil-punt 6(b) dwar il-kategoriji 9 IMCI u 11 EEE ieħor.

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fir-ram

L-eżenzjoni fil-punt 6(c) tal-Anness III tikkonċerna **ċ-ċomb fil-liġi tar-ram** u ġiet imġedda bid-Direttiva Delegata (UE) 2018/741⁶. L-eżenzjoni ma nbidlitx mill-ewwel Direttiva RoHS 2002/95/KE⁷.

L-eżenzjoni tkopri l-kategoriji ta' EEE kollha. Id-data ta' skadenza tal-eżenzjoni fil-punt 6(c) hija l-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 1 sa 7, 8 u 9, minbarra l-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* u l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, u 10. Id-data ta' skadenza tal-eżenzjoni fil-punt 6(c) hija l-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8 apparat mediku dijanjostiku *in vitro* (IVD) u l-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali (IMCI, Industrial Monitoring and Control Instruments) kif ukoll għall-kategorija 11 "EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq" (EEE ieħor).

Fil-15 ta' Jannar 2020 u fis-16 ta' Jannar 2020, fil-perjodu ta' żmien għat-tiġdid stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva RoHS, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet biex iġġedded l-eżenzjoni fil-punt 6(c).

Valutazzjoni teknika

F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni nediet studju⁸, li ġie konkluż fi Frar 2022, biex twettaq il-valutazzjoni teknika u xjentifika meħtieġa, inkluża konsultazzjoni pubblika ta' 10 ġimgħat

⁶ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/741 tal-1 ta' Marzu 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fir-ram (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 109, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/741/oj>).

⁷ Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/95/oj>).

mal-partijiet ikkonċernati. Il-kummenti kollha ġew meqjusa. L-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni ġiet ipprovduta fuq is-sit web tal-proġett⁹.

- Ġew sottomessi 10 kontributi speċifiċi għall-eżenzjoni fil-punt 6(a) u bosta kontributi ġenerali matul il-konsultazzjoni pubblika.
- Matul il-konsultazzjoni pubblika ġew sottomessi 7 kontributi speċifiċi għall-eżenzjoni fil-punt 6(b)-I, 12-il kontribut speċifiku għall-eżenzjoni fil-punt 6(b)-II u bosta kontributi ġenerali.
- Ġew sottomessi 12-il kontribut speċifiku għall-eżenzjoni fil-punt 6(c) u bosta kontributi ġenerali matul il-pubblikazzjoni.
- Biex tevalwa informazzjoni speċifika dwar il-kategorija l-ġdida mill-applikazzjonijiet li waslu fl-2023, f'Awwissu 2023, il-Kummissjoni nediet studju¹⁰, li ġie konkluż f'April 2024. Il-valutazzjoni teknika kien fiha konsultazzjoni pubblika ta' 8 ġimgħat mal-partijiet ikkonċernati, u tqiesu l-kummenti kollha. L-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni ġiet ipprovduta fuq is-sit web tal-proġett¹¹.
- Waslu tmien kontributi għall-eżenzjoni fil-punt 6(a).
- Waslu 13-il kontribut għall-eżenzjoni fil-punt 6(b).

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar – konklużjonijiet tekniċi

Ir-rapport ta' valutazzjoni teknika u xjentifika enfasizza dan li ġej:

- iċ-ċomb jintuża bħala element ta' lligar fl-azzar **għal skopijiet ta' mmaxinjar** biex jiżjeddu l-prestazzjoni tal-immaxinjar, l-istabbiltà u l-wiċċ lixx tal-materjal;
- f'xi każijiet, is-sostituzzjoni taċ-ċomb hija teknikament possibbli. Madankollu, dan ma setax jiġi speċifikat aktar matul il-valutazzjonijiet tekniċi u b'mod ġenerali, bilkemm sar progress fis-sostituzzjoni taċ-ċomb fl-azzar għal skopijiet ta' mmaxinjar mir-rieżami fl-2015. Ir-revoka tal-eżenzjoni għal skopijiet ta' mmaxinjar għandha impatti negattivi li jisbqu l-benefiċċji tas-sostituzzjoni taċ-ċomb, b'mod partikolari jekk tapplika data ta' skadenza għal perjodu ta' żmien qasir;
- biex jingħata aktar żmien biex tiġi pprovduta evidenza sostanzjali dwar l-istatus tekniku tas-sostituzzjoni u biex jiġu evitati impatti negattivi fuq is-suq, huwa xieraq li tingħata eżenzjoni għal perjodu ta' żmien qasir;
- iċ-ċomb jista' jkun preżenti fl-azzar **galvanizzat f'banju sħun bil-lott**. Iż-żingu likwidu jintuża fil-proċess tal-galvanizzazzjoni biex jipproduċi kisja taż-żingu protettiva fuq il-prodotti tal-azzar. Iċ-ċomb jista' jkun preżenti bħala impurità fiż-żingu użat li jkun ġej minn żingu sekondarju jew mill-konċentrazzjoni residwa taċ-ċomb ta' lottijiet preċedenti. F'każijiet oħrajn, iċ-ċomb miżjud intenzjonalment jiżgura kwalità għolja tal-kisja, b'mod partikolari għal applikazzjonijiet b'dettalji żgħir. Peress li xi ċomb jemigra għall-azzar, l-azzar prodott fih ammont żgħir ta' ċomb;

⁸ Ir-Rapport finali (il-Pakkett 22) tal-istudju huwa disponibbli fuq <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c774eb67-7cc6-11ec-8c40-01aa75ed71a1/language-mt>

⁹ Perjodu ta' konsultazzjoni: bejn it-23 ta' Diċembru 2020 u t-3 ta' Marzu 2021; <https://rohs.exemptions.oeko.info/>.

¹⁰ Ir-Rapport Finali (il-Pakkett 27) tal-istudju huwa disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/708d9a2a-26e1-11ef-a195-01aa75ed71a1/language-mt/format-PDF/source-327348441>

¹¹ Perjodu ta' konsultazzjoni: Bejn is-16 ta' Ottubru 2023 u l-11 ta' Diċembru 2023; <https://rohs.biois.eu/>

- il-konċentrazzjoni tal-livell limitu kurrenti taċ-ċomb (0,2 % ċomb skont il-piż) applikabbli għall-komponenti tal-azzar galvanizzat f'banju sħun bil-lott għadha xierqa u applikabbli;
- l-użu taż-żingu sekondarju huwa ta' benefiċċju għall-ambjent meta mqabbel mal-użu taż-żingu primarju. Ir-revoka tal-eżenzjoni għall-azzar galvanizzat f'banju sħun bil-lott għandha impatti negattivi li jisbqu l-benefiċċji tas-sostituzzjoni taċ-ċomb. Għalhekk huwa xieraq li tingħata l-eżenzjoni;
- fiż-żewġ każijiet, l-azzar kopert mill-eżenzjonijiet jintuża f'firxa varjata ta' applikazzjonijiet finali. Ma ġie pprovdut l-ebda argument tekniku sod biex jiġġustifika t-tibdil fl-ambitu jew fil-perjodu ta' validità għal kategoriji ta' EEE differenti.
- **Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju – konklużjonijiet tekniċi**

Ir-rapport ta' valutazzjoni teknika u xjentifika enfasizza dan li ġej:

- iċ-ċomb jista' jkun preżenti b'mod mhux intenzjonat fir-ruttam tal-aluminju riċiklat. Dan huwa l-każ għal-liġi tal-ikkastjar, li jiddewbu f'forn u jitqiegħdu f'forma;
- is-sostituzzjoni taċ-ċomb fil-liġi tal-aluminju, fejn iċ-ċomb ikun ġej mir-ruttam tal-aluminju, la għandha vantaġġi ambjentali kbar u lanqas ma tista' tinkiseb b'mod proporzjonat fuq skala industrijali kbira. Dan ifisser li s-sostituzzjoni jew id-dilwizzjoni tal-aluminju sekondarju b'aluminju primarju f'liġi fonduti ma tkunx possibbli għall-oqsma ta' applikazzjoni kollha, parzjalment minħabba l-konsum ogħla tal-enerġija meħtieġ;
- il-kontenut taċ-ċomb tar-ruttam tal-aluminju huwa mistenni li jonqos maż-żmien. Hemm bżonn ta' żmien addizzjonali biex tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' liġi tal-aluminju b'livell aktar baxx ta' ċomb fl-industrija;
- sabiex jiġi ċċarat l-ambitu tal-eżenzjoni, il-formulazzjoni jenħtieġ li tiġi speċifikata għal-**liġi tal-ikkastjar tal-aluminju mir-riċiklaġġ tar-ruttam tal-aluminju li jkun fih iċ-ċomb**;
- il-valur ta' limitu massimu għaċ-ċomb fil-liġi tal-ikkastjar tal-aluminju jenħtieġ li jitnaqqas għal 0,3 % skont il-piż minħabba l-progress tekniku¹² u t-tnaqqis fil-konċentrazzjoni taċ-ċomb fir-ruttam tal-aluminju;
- iċ-ċomb jintuża wkoll bħala element ta' lligar fl-**aluminju għal skopijiet ta' mmaxinjar** biex tittejjeb il-kapaċità ta' mmaxinjar billi jaġixxi bħala lubrikant;
- jeżistu sostituti affidabbli għaċ-ċomb fl-aluminju għal skopijiet ta' mmaxinjar fis-suq għall-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' EEE. Ħafna applikazzjonijiet issostitwew iċ-ċomb fl-aluminju għal skopijiet ta' mmaxinjar. It-tranżizzjoni għall-aluminju mingħajr ċomb kienet diġà evidenti fl-aħħar rieżami tal-eżenzjoni mwettaq fl-2016¹³;
- matul l-aħħar proċess ta' evalwazzjoni, kien hemm applikazzjoni waħda, li għaliha kienet għadha ma hijiex disponibbli sostituzzjoni affidabbli: valvijiet tal-gass għall-kontroll u għar-regolamentazzjoni tal-gass fl-apparat domestiku li jaħdem bil-gass.
- il-materjal sostitut għal din l-applikazzjoni għall-valvijiet tal-gass huwa mistenni li jiġi ffinalizzat fi tmiem l-2024. Wara perjodu tranżizzjonali ta' 18-il xahar għall-eżenzjoni

¹² Il-kontenut taċ-ċomb fl-ikkastjar tal-liġi tal-aluminju tnaqqas fl-istandard EN1706 AC 46500 fl-2020 għal massimu ta' 0,29 % tal-kontenut taċ-ċomb.

¹³ Rapport finali (Pakkett 9) – Ġunju 2016 – Oeko-Institut - Study to assess renewal requests for 29 RoHS 2 Annex III exemptions: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/a3fdcc8c-4273-11e6-af30-01aa75ed71a1>.

eżistenti fil-punt 6(b)-II, ma tibqax meħtieġa eżenzjoni ġdida għaċ-ċomb f'applikazzjonijiet speċifiċi bħal dawn;

- għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, u għall-kategorija 11 EEE ieħor, id-data tissuġġerixxi li l-użu ta' liġi tal-aluminju mingħajr ċomb għall-immaxinjar u l-użu ta' liġi tal-aluminju b'kontenut ta' ċomb imnaqqas minn 0,4 % għal 0,3 % jirrikjedu disinn mill-ġdid u, tal-anqas f'xi każijiet, ir-rikwalifikazzjoni tal-EEE.

- **Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fir-ram – konklużjonijiet tekniċi**

Ir-rapport ta' valutazzjoni teknika u xjentifika enfażizza dan li ġej:

- il-liġi tar-ram li fihom iċ-ċomb għandhom proprjetajiet speċjali f'termini ta' konduttività, rilassament, korruzzjoni jew lubriċità. Għalhekk, l-użu tal-liġi tar-ram biċ-ċomb jista' jkun ibbażat fuq funzjonijiet elettriċi u/jew mekkaniċi fl-EEE;
- għall-komponenti elettriċi, il-liġi tar-ram biċ-ċomb jintużaw l-aktar bħala kondutturi fit-tipi kollha ta' konnessjonijiet f'diversi applikazzjonijiet. Għal komponenti li jużaw liġi tar-ram biċ-ċomb ibbażati fuq proprjetajiet mekkaniċi, jeżistu liġi tar-ram u taż-żingu mingħajr ċomb iżda dawn l-alternattivi jirrikjedu adattamenti fil-proċess tal-immaxinjar, u dan jirrikjedi aktar żmien;
- għalkemm il-komponenti b'ġeometriji sempliċi jistgħu jiġu sostitwiti matul is-snin li ġejjin, hemm restrizzjonijiet fuq is-sostituzzjoni li jillimitaw l-applikabbiltà tagħha għal ċerti applikazzjonijiet u ma setgħetx tinstab demarkazzjoni ċara tal-applikazzjonijiet;
- minkejja s-sostituzzjonijiet individwali, ġie konkluż li ma kienx iż-żmien it-tajjeb biex jitnaqqas l-ambitu jew il-valur massimu ta' konċentrazzjoni għaċ-ċomb fil-liġi tar-ram u li dan jista' jkollu impatti sinifikanti;
- ir-ram li fih iċ-ċomb jintuża f'firxa varjata ta' applikazzjonijiet finali u ma ġie pprovdut l-ebda argument sod biex jiġi ġġustifikati ambiti jew perjodi ta' validità differenti skont il-kategorija ta' EEE. Jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji ta' EEE kollha;
- għalkemm huwa rrakkomandat li tiġġedded l-eżenzjoni, jenħtieġ li tiġi pprovduta evidenza speċifika għall-applikazzjoni u, jekk ikun xieraq, l-ambitu tal-eżenzjoni għandu jitnaqqas fir-rieżami li jmiss, minħabba l-progress fil-ħidma biex jiġi sostitwit iċ-ċomb fil-liġi tar-ram.

REACH

Jenħtieġ li jingħata livell simili ta' protezzjoni fejn il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva RoHS jiġi eskluż mir-restrizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament REACH.

Skont il-punt 7 tar-restrizzjoni tal-Anness XVII, il-punt 63 tar-Regolament REACH, iċ-ċomb huwa ristrett f'oġġetti u l-partijiet aċċessibbli tagħhom bil-għan li jitnaqqas l-esponiment tat-tfal għaċ-ċomb minn oġġetti fornuti lill-pubbliku ġenerali. Iċ-ċomb f'dawk l-oġġetti jew f'partijiet aċċessibbli huwa ristrett għal 0,05 % skont il-piż jekk it-tfal ikunu jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom il-komponenti. Il-limitu ma japplikax meta r-rata tar-rilaxx taċ-ċomb tkun taħt ċertu livell. Id-daqs tal-partijiet aċċessibbli huwa iżgħar minn 5 cm f'dimensjoni waħda.

Skont il-punt 8 tal-punt 63 tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva RoHS huwa eskluż minn dan ir-rekwiżit ta' restrizzjoni speċifiku. Madankollu, skont l-Artikolu 5(1), il-punt (a), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva RoHS, l-inklużjoni ta' materjali u komponenti ta' EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi tirrikjedi li tali

inklużjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija mir-Regolament REACH.

L-apparat EEE jew partijiet minnu jistgħu jaqbu b'mod sinifikanti l-valur ta' limitu stabbilit fil-punt 7 tal-punt 63 minħabba l-għoti ta' eżenzjonijiet u ppjanati fil-punti 6(a), 6(b) u 6(c) tal-Anness III tad-Direttiva RoHS. Minħabba d-diversi tipi ta' applikazzjonijiet, ma jistax jiġi eskluż li t-tfal ikunu jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom il-komponenti, matul kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli ta' użu. Għalhekk, huwa xieraq u f'konformità mal-Artikolu 5(1), il-punt (a), tad-Direttiva RoHS u mal-prinċipju ta' prekawżjoni li tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna li ġeja mal-formulazzjoni tal-eżenzjoni fil-punti 6(a), 6(b) u 6(c) tal-Anness III tad-Direttiva RoHS:

- *L-eżenzjoni ma għandhiex tkopri l-EEE għall-forniment lill-pubbliku ġenerali meta t-tfal ikunu jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom l-EEE jew il-parti aċċessibbli tiegħu, matul kundizzjonijiet normali jew prevedibbli ta' użu. Madankollu, l-eżenzjoni għandha tapplika meta jkun jista' jintwera kemm li:*
- — *ir-rata ta' rilaxx taċ-ċomb minn tali EEE jew kwalunkwe parti aċċessibbli, kemm jekk miksija kif ukoll jekk mhux miksija, ma taqbiżx iż-0,05 µg/cm² fis-sieġha (ekwivalenti għal 0,05 µg/g/h), kif ukoll li,*
- — *għall-oġġetti miksija, li l-kisja hija biżżejjed biex tiżgura li din ir-rata ta' rilaxx ma tinqabiżx għal perjodu ta' mill-anqas sentejn ta' kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli ta' użu tal-EEE.*
- *Għall-fini ta' din in-nota f'qiegħ il-paġna, qiegħed jittqies li t-tfal jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom oġġett jew parti aċċessibbli ta' oġġett jekk din tkun iżgħar minn 5 cm f'dimensjoni waħda jew jekk din ikollha parti li tinqala' jew parti ħierġa 'l barra ta' dan id-daqs.*

In-nota f'qiegħ il-paġna tikkostitwixxi limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni iżda tapplika biss meta jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet, u l-oġġett jew il-partijiet aċċessibbli ta' oġġett jiġi forniti lill-pubbliku ġenerali. Għalhekk, huwa mifhum li l-limitazzjoni se jkollha impatt marġinali, b'mod partikolari għall-EEE applikat f'kuntest professjonali.

Konsultazzjonijiet

Il-Kummissjoni kkonsultat il-grupp ta' esperti tal-Istati Membri għall-atti delegati fil-kuntest tad-Direttiva RoHS fil-11 ta' Ottubru 2021 u fit-18 ta' Settembru 2024. Hija wettqet il-passi proċedurali meħtieġa kollha fir-rigward tal-eżenzjonijiet mir-restrizzjoni fuq is-sustanzi skont l-Artikolu 5(3) sa (7)¹⁴. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ġew innotifikati dwar l-attivitajiet kollha f'dak il-kuntest.

- Kritika ewlenija espressa mill-esperti tal-Istati Membri kienet l-informazzjoni insuffiċjenti pprovduta mill-applikanti fil-valutazzjonijiet tekniċi. L-applikanti jenħteġ li juru b'mod ċar li l-kriterji skont l-Artikolu 5(1), il-punt (a), huma ssodisfati u għandhom jissostanzjaw l-asserzjonijiet tagħhom, inkella ma għandha tingħata l-ebda eżenzjoni. Il-Kummissjoni qieset dan billi ħolqot subentrati u perjodi ta' validità qosra, meta jkun meħtieġ. Ġew ikkunsidrati wkoll kontributi oħrajn minn diversi rappreżentanti tal-industrija favur iż-żamma tal-*istatus quo* tal-eżenzjonijiet.

¹⁴ Lista tal-passi amministrattivi meħtieġa hija disponibbli fuq is-sit webgate.ec.europa.eu/regdel/#/home. Wieħed jista' jara l-istadju kurrenti tal-proċedura għal kull abbozz ta' att delegat fir-Reġistru Interistituzzjonali tal-Atti Delegati fuq <https://webgate.ec.europa.eu/regdel/#/home>.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

- Ir-riżultati tal-evalwazzjoni juru li l-eżenzjoni ma ddgħajjfx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija mir-Regolament REACH, f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/65/UE, dment li tiżdied nota ta' qiegħ il-paġna mal-entrati tal-eżenzjoni rispettiva.

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar

- Iż-żewġ applikazzjonijiet tekniċi (iċ-ċomb użat għal skopijiet ta' mmaxinjar jew iċ-ċomb bħala residwu fl-azzar galvanizzat) li bħalissa huma koperti mill-eżenzjonijiet stabbiliti fil-punti 6(a) u 6(a)-I, huma maqsuma f'żewġ sottoeżenzjonijiet biex jiġi indirizzat il-progress tekniku, tingħata ċertezza legali lill-partijiet ikkonċernati u jiġi ffaċilitat il-proċess ta' evalwazzjoni li jmiss. Għalhekk, id-direttiva delegata tagħti żewġ eżenzjonijiet għaċ-ċomb fl-azzar, fil-punti 6(a)-I u 6(a)-II.
- L-ewwel eżenzjoni fil-punt 6(a)-I, li tissostitwixxi l-punt preċedenti, tkopri iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar għal skopijiet ta' mmaxinjar. It-tieni eżenzjoni fil-punt 6(a)-II l-ġdid tkopri iċ-ċomb bħala element ta' lligar f'azzar galvanizzat f'banju sħun bil-lott. Fiż-żewġ każijiet, l-ewwel intenzjoni tal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), hija ssodisfata, l-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni tkun xjentifikament jew teknikament mhux prattikabbli għall-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt l-eżenzjonijiet.
- Il-kategoriji 8 u 9, li bħalissa huma koperti mill-eżenzjoni stabbilita fil-punt 6(a), se jkunu koperti miż-żewġ subentrati l-ġodda fil-punti 6(a)-I u 6(a)-II. Peress li ma humiex mistennija implikazzjonijiet sinifikanti, l-eżenzjoni preċedenti stabbilita fil-punt 6(a) se tiskadi fi żmien 12-il xahar.
- Fid-dawl taż-żmien li għadda mill-valutazzjoni teknika mwettqa, is-sottoeżenzjonijiet il-ġodda jenħtieġ li jkollhom perjodu ta' validità iqsar mill-perjodu ta' validità massimu possibbli orjentat lejn ir-rakkomandazzjonijiet tekniċi. Barra minn hekk, minħabba d-domandi b'ambitu miftuħ u d-data mhux kompluta mill-industrija, skadenza qasira hija ġġustifikata biex l-applikanti jingħataw l-opportunità li jissostanzjaw l-asserzjonijiet tagħhom. Peress li l-applikanti għandhom l-oneru tal-prova li juru li wieħed mill-kriterji tal-Artikolu 5(1), il-punt (a), huwa ssodisfat, jenħtieġ li jippreżentaw data kompluta fil-valutazzjoni li jmiss, inkella l-Kummissjoni jeħtiġilha tikkunsidra li ma ġġeddidx l-eżenzjoni minħabba nuqqas ta' data nieqsa.
- Skont il-valutazzjoni teknika, is-sottoeżenzjoni l-ġdida fil-punt 6(a)-I jenħtieġ li tiskadi qabel is-sottoeżenzjoni fil-punt 6(a)-II. Madankollu, data ta' skadenza itwal minħabba ż-żmien li għadda ma tiġġustifikax data ta' skadenza itwal għas-sottoeżenzjoni fil-punt 6(a)-II. Fid-dawl tal-evalwazzjoni teknika, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE.

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju

- Il-punt 6(b)-I kurrenti li jkopri l-aluminju li ġej mir-riċiklaġġ tar-ruttam tal-aluminju li jkun fih iċ-ċomb jiġi ttrasferit għall-punt 6(b)-III l-ġdid. Il-punt il-ġdid jispeċifika l-ambitu u jstabbilixxi l-konċentrazzjoni taċ-ċomb massima għal 0,3 % skont il-piż. Il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), it-tieni intenzjoni, huwa ssodisfat, l-affidabbiltà tas-sostituti ma hijiex żgurata.

- L-applikazzjoni li tkopri ċ-ċomb fl-aluminju għal skopijiet ta' mmaxinjar ma għadhiex tissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), għall-kategoriji 1 sa 7 u 10. Peress li l-industrija għandha mnejn tirrikjedi żmien addizzjonali biex taġġusta għal din il-bidla, jenħtieġ li japplika perjodu tranżizzjonali massimu skont l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva RoHS.
- L-eżenzjoni preċedenti fil-punt 6(b) tevolvi fis-subentrati tagħha. L-applikazzjonijiet rilevanti li jissodisfaw il-kriterji tad-Direttiva RoHS jiġu ttrasferiti fis-subentrati sussegwenti u għalhekk, huwa xieraq li l-punt 6(b) preċedenti jenħtieġ li jiskadi fi żmien 12-il xahar. Il-kategoriji 8, 9 u 11, li bħalissa huma koperti mill-eżenzjoni fil-punt 6(b), se jkunu koperti mill-punti 6(b)-I u 6(b)-III. Għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali u għall-kategorija 11, l-eżenzjoni fil-punt 6(b)-I se tibqa' valida. Huwa xieraq li kategoriji ta' EEE ieħor, ikunu koperti mill-punt 6(b)-III l-ġdid.
- Fid-dawl taż-żmien li għadda mill-valutazzjoni teknika mwettqa, is-sottoeżenzjonijiet il-ġodda jenħtieġ li jkollhom perjodu ta' validità iqsar mill-perjodu ta' validità massimu possibbli orjentat lejn ir-rakkomandazzjonijiet tekniċi. Barra minn hekk, minħabba d-domandi b'ambitu miftuħ u d-data mhux kompluta mill-industrija, skadenza qasira hija ġġustifikata biex l-applikanti jingħataw l-opportunità li jissostanzjaw l-asserzjonijiet tagħhom. Peress li l-applikanti għandhom l-oneru tal-prova li juru li wieħed mill-kriterji tal-Artikolu 5(1), il-punt (a), huwa ssodisfat, jenħtieġ li jippreżentaw data kompluta fil-valutazzjoni li jmiss, inkella l-Kummissjoni jeħtiġilha tikkunsidra li ma ġġeddidx l-eżenzjoni minħabba nuqqas ta' data nieqsa.
- Peress li ma ġiet ipprovduta l-ebda data teknika biex tiġġustifika l-introduzzjoni ta' dati ta' skadenza differenti għal kategoriji ta' EEE differenti, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva RoHS.

Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fir-ram

L-applikazzjonijiet koperti mill-ambitu kurrenti tal-eżenzjoni stabbilita fil-punt 6(c) tal-Anness III jissodisfaw mill-anqas kriterju wieħed stabbilit fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), tad-Direttiva RoHS, jiġifieri li l-affidabbiltà tas-sostituti ma hijiex żgurata.

- Ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni teknika li turi li hemm differenzi tekniċi bejn il-kategoriji ta' EEE fir-rigward tas-sostituzzjoni taċ-ċomb fil-liġi tar-ram. Fid-dawl tal-evalwazzjoni teknika, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva RoHS.
- Fid-dawl taż-żmien li għadda mill-valutazzjoni teknika mwettqa, is-sottoeżenzjonijiet il-ġodda jenħtieġ li jkollhom perjodu ta' validità iqsar mill-perjodu ta' validità massimu possibbli orjentat lejn ir-rakkomandazzjonijiet tekniċi. Barra minn hekk, minħabba d-domandi b'ambitu miftuħ u d-data mhux kompluta mill-industrija, skadenza qasira hija ġġustifikata biex l-applikanti jingħataw l-opportunità li jissostanzjaw l-asserzjonijiet tagħhom. Peress li l-applikanti għandhom l-oneru tal-prova li juru li wieħed mill-kriterji tal-Artikolu 5(1), il-punt (a), huwa ssodisfat, jenħtieġ li jippreżentaw data kompluta fil-valutazzjoni li jmiss, inkella l-Kummissjoni jeħtiġilha tikkunsidra li ma ġġeddidx l-eżenzjoni minħabba nuqqas ta' data nieqsa.

Att Delegat

Minħabba l-prossimità teknika u l-preżenza ta' ċomb fil-liġi użati għall-EEE, jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni waħda għat-tliet eżenzjonijiet kollha. L-istrument legali huwa direttiva delegata, kif previst fid-Direttiva RoHS, u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punt (a).

L-oġġettiv tad-direttiva delegata huwa li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u li tarmonizza d-dispożizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern fil-qasam tal-EEE. Għal dan il-għan, tippermetti l-użu ta' sustanzi li altrimenti jkunu pprojbiti għal applikazzjonijiet speċifiċi, f'konformità mad-Direttiva RoHS u mal-proċedura stabbilita fiha biex l-Annessi III u IV jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku.

Id-dati ta' skadenza tal-eżenzjonijiet huma stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva RoHS. Id-dati ta' skadenza jenħtieġ li jqisu l-perjodu minimu ta' 18-il xahar qabel id-data ta' skadenza, li fih it-talbiet għal tiġdid jeħtieġ li jiġu ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 5(5), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva RoHS, biex l-industrija tingħata biżżejjed żmien biex tħejji t-talbiet għal tiġdid.

Mhux mistenni li l-perjodi ta' validità mogħtija jkollhom impatti avversi fuq l-innovazzjoni.

Id-Direttiva Delegata ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2025

li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, fl-aluminju u fir-ram

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (b) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/65/UE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dik ir-restrizzjoni ma tapplikax għal ċerti applikazzjonijiet eżentati li huma elenkati fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-kategoriji tat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Iċ-ċomb huwa sustanza ristretta elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE. Il-valur tal-konċentrazzjoni ttollerat massimu huwa ta' 0,1 % skont il-piż taċ-ċomb f'materjali omoġenji.
- (4) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/739² tat eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar għal skopijiet ta' mmaxinjar li jkun fih sa 0,35 % ċomb skont il-piż u f'komponenti tal-azzar galvanizzat f'banju sħun bil-lott li jkun fihom sa 0,2 % ċomb skont il-piż, kif stabbilit fil-punt 6(a)-I tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE. Dik l-eżenzjoni tkopri l-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10 tat-tagħmir elettriku u elettroniku, elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE. L-applikazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita fil-punt 6(a) tal-Anness III ta' dik id-Direttiva kienet limitata għall-kategoriji 8, 9 u 11 tat-tagħmir elettriku u elettroniku.
- (5) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/740³ tat eżenzjonijiet għall-użu taċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju li jkun fih sa 0,4 % ċomb skont il-piż jew

¹ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/65/oj>.

² Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/739 tal-1 ta' Marzu 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/739/oj).

³ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/740 tal-1 ta' Marzu 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 106, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/740/oj).

għal skopijiet ta' mmaxinjar jew għar-riċiklaġġ ta' ruttam tal-aluminju li jkun fih iċ-
 ċomb. L-eżenzjonijiet huma stabbiliti fil-punti 6(b)-I u 6(b)-II tal-Anness III tad-
 Direttiva 2011/65/UE. Dawk l-eżenzjonijiet ikopru l-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10
 tat-tagħmir elettriku u elettroniku, elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE. L-
 applikazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita f, il-punt 6(b) tal-Anness III ta' dik id-Direttiva
 kienet limitata għall-kategoriji 8, 9 u 11 tat-tagħmir elettriku u elettroniku.

- (6) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/741⁴ tat eżenzjoni għall-użu tal-liga
 tar-ram li fiha sa 4 % ċomb skont il-piż għall-kategoriji kollha, kif stabbilit fil-punt
 6(c) tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (7) Fis-17 ta' Jannar 2020 u fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet żewġ
 applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-eżenzjonijiet stabbiliti fil-punti 6(a) u 6(a)-I tal-
 Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku, b'mod
 partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Fit-2 ta' Diċembru 2019 u
 fis-17 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-
 eżenzjoni stabbilita fil-punti 6(b), 6(b)-I u 6(b)-II tal-Anness III tad-Direttiva
 2011/65/UE u fil-15 ta' Jannar 2020 u fis-16 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet
 żewġ applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-eżenzjoni stabbilita fil-punt 6(c) tal-Anness III
 tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (8) Għall-eżenzjonijiet stabbiliti fil-punti 6(a), 6(b) u 6(c) tal-Anness III tad-Direttiva
 2011/65/UE, il-kategorija 8 tat-tagħmir elettriku u elettroniku "apparat mediku
 dijanjostiku *in vitro*", imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE, kellha tiskadi
 fil-21 ta' Lulju 2023 u l-kategoriji 9 "strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali"
 u 11 "EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq", kif imsemmija fl-Anness I
 tad-Direttiva 2011/65/UE, kellhom jiskadu fil-21 ta' Lulju 2024. Fl-20 ta' Jannar
 2023, waslu żewġ applikazzjonijiet għat-tiġdid għal kull eżenzjoni stabbilita fil-punti
 6(a) u 6(b) tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE u speċifikament fir-rigward ta'
 dawk it-tliet kategoriji. F'konformità mal-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tad-
 Direttiva 2011/65/UE, is-sottomissjoni tagħhom estendiet il-validità tal-eżenzjonijiet
 eżistenti sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għat-tiġdid.
- (9) Sabiex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet riċevuti, twettaq studju ta' valutazzjoni teknika
 u xjentifika, li ġie ffinalizzat fl-2022⁵. Twettaq studju ieħor li jiffoka fuq il-kategoriji li
 għalihom intalab tiġdid fi stadju aktar tard, li ġie ffinalizzat fl-2024⁶. L-evalwazzjoni
 kienet tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu
 5(7) tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (10) L-evalwazzjoni tat-tiġdid tal-eżenzjoni mitlub ikkonkludiet li, fir-rigward tal-eżenzjoni
 stabbilita fil-punt 6(a)-I tal-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE, għad hemm bżonn ta'
 ċomb fl-azzar biex jinkisbu ċerti proprjetajiet tal-immaxinjar. Sostituzzjoni jew
 eliminazzjoni f'azzar galvanizzat f'banju sħun bil-lott bħalissa la hija teknikament
 fattibbli u lanqas ekonomikament vijabbli. Madankollu, iż-żewġ applikazzjonijiet

⁴ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/741 tal-1 ta' Marzu 2018 li temenda, għall-finijiet ta'
 adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament
 Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fir-ram (ĠU L 123,
 18.5.2018, p. 109, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/741/oj).

⁵ Ir-Rapport finali (il-Pakkett 22) tal-istudju huwa disponibbli fuq <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c774eb67-7cc6-11ec-8c40-01aa75ed71a1/language-mt>.

⁶ Ir-Rapport finali (il-Pakkett 27) tal-istudju huwa disponibbli fuq <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/708d9a2a-26e1-11ef-a195-01aa75ed71a1/language-mt/format-PDF/source-327348441>.

tekniċi jistgħu jinqasmu bejn il-punti 6(a)-I u 6(a)-II tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, biex ikun jista' jsir eżami aktar iddedikat fir-rieżami li jmiss.

- (11) Sabiex jiġi pprovdut biżżejjed żmien biex jiġi sostitwit iċ-ċomb fl-azzar u biex jiġu evitati impatti negattivi, li jisbqu l-benefiċċji ta' sostituzzjoni, huwa xieraq li jingħata perjodu ta' validità ta' żmien qasir għal dawk l-applikazzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2011/65/UE. Fir-rigward tal-punti 6(a), 6(a)-I u 6(a)-II tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (12) L-eżenzjoni stabbilita fil-punt 6(a) tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE jenħtieġ li tiskadi 12-il xahar wara d-data tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid, f'konformità mal-Artikolu 5(6) ta' dik id-Direttiva.
- (13) Fir-rigward tal-eżenzjoni stabbilita fil-punt 6(b)-I tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE dwar iċ-ċomb fl-aluminju li jkun ġej mir-riċiklaġġ tar-ruttam tal-aluminju li jkun fih iċ-ċomb, instab li l-konċentrazzjoni taċ-ċomb tista' titnaqqas ulterjorment għal 0,3 % skont il-piż fl-aluminju. Dak jenħtieġ li jiġi stabbilit f'punt ġdid, li jispeċifika li tali aluminju huwa liga fonduta.
- (14) L-użu ta' ċomb miżjud intenzjonalment fl-aluminju għal skopijiet ta' mmaxinjar ma huwiex aktar meħtieġ għat-tagħmir elettriku u elettroniku. Fis-suq jeżistu sostituti affidabbli għaċ-ċomb fl-aluminju. L-aħħar qasam ta' applikazzjoni li jibbaża fuq tali eżenzjoni huwa mistenni li jiġi sostitwit b'alternattivi sal-2025. F'konformità mal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2011/65/UE, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' tranżizzjoni massimu ta' 18-il xahar biex il-parteċipanti fis-suq individwali fl-industrija jkunu jistgħu jadattaw.
- (15) Instab li l-użu ta' liġi tal-aluminju li fihom iċ-ċomb b'konċentrazzjoni ta' ċomb ta' anqas minn 0,4 % skont il-piż jirrikjedi tfassil mill-ġdid u rikwalifikazzjoni ta' tagħmir elettriku u elettroniku li jaqa' taħt il-kategorija 9 "strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali" u l-kategorija 11 b'ambitu miftuħ "EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq", li jirrikjedi aktar żmien għall-konformità meta mqabbel ma' kategoriji oħrajn msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati perjodi ta' validità itwal għal dawk iż-żewġ kategoriji.
- (16) Fir-rigward tal-punt 6(c) tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE dwar il-liġi tar-ram li fihom sa 4 % ċomb skont il-piż, ma kienx possibbli matul il-valutazzjoni xjentifika u teknika li jiġu identifikati u ddefiniti oqsma ta' applikazzjoni li ma għadhomx jirrikjedu l-eżenzjoni, minkejja ħafna indikazzjonijiet li iċ-ċomb jista' jiġi ssostitwit b'suċċess f'ċerti applikazzjonijiet. Peress li s-sostituti ma humiex affidabbli biżżejjed, jenħtieġ li tingħata estensjoni tal-eżenzjoni. Fid-dawl tal-evalwazzjoni teknika, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (17) L-inklużjoni ta' materjali u komponenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku jenħtieġ li ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Skont il-punt 7 tar-restrizzjoni

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif

stabbilita fil-punt 63 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, iċ-ċomb huwa ristrett fl-oġġetti u l-partijiet aċċessibbli tagħhom bil-għan li jitnaqqas l-esponiment tat-tfal għaċ-ċomb minn oġġetti fornuti lill-pubbliku ġenerali. Iċ-ċomb f'dawk l-oġġetti jew f'partijiet aċċessibbli huwa ristrett għal mhux aktar minn 0,05 % skont il-piż jekk it-tfal jistgħu jqiegħdu dawk l-oġġetti f'ħalqhom. Biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-entrati ta' eżenzjoni approvati jenħtieġ li jiġu mmarkati b'nota f'qiegħ il-paġna, li tkompli tillimita l-applikazzjonijiet f'konformità mal-punt 7 tar-restrizzjoni stabbilita fil-punt 63 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(18) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata kif xieraq,

ADO TTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [l-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [l-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva + jum].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 8.9.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN